MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 195/2004

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Rudd Bianca**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat 23 ta’ Jannar 2004 fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ tmien mija erbgha u ghoxrin lira Maltin u zewg centezmi (Lm824.02) liema ammont huwa dovut lis-socjeta attrici in konnessjoni ma’ servizz telefoniku li jgib in numru 21525732 (CN1020996) u liema servizz gie installat fil-fond bin-nurmu ufficjali 94, Flat 3, Triq ta’ Masrija, Mellieha u dan skond diversi kontijiet mibghuta lilll-konvenuta u skond il-prospett immarkat bhala Dok A u kuntratt relattiv immarkat bhala Dok B.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuta giet regolarment notifikata, naqas milli tidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija u erbgha u ghoxrin lira Maltin u zewg centezmu (Lm824.02), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------